Nru./No. 20,900
Prezz/Price
€2.70

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 2 ta' Awwissu, 2022
Tuesday, 2nd August, 2022

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 11,353 - 11,357
Government Notices ..... *11,353 - 11,357*

Avviżi tal-Pulizija ..... 11,357 - 11,359
Police Notices ..... *11,357 - 11,359*

Avviżi lill-Baħħara ..... 11,359 - 11,360
Notices to Mariners ..... *11,359 - 11,360*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 11,360 - 11,362
Employment Opportunities ..... *11,360 - 11,362*

Avviżi tal-Gvern ..... 11,362 - 11,374
Notices ..... *11,362 - 11,374*

Offerti ..... 11,374 - 11,383
Tenders ..... *11,374 - 11,383*

Avviżi tal-Qorti ..... 11,383 - 11,408
Court Notices ..... *11,383 - 11,408*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 957

IL-PRESIDENT TA' MALTA JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta reġa' daħal għall-qadi tad-dmirijiet tal-kariga tiegħu ta' President nhar it-Tnejn, l-1 ta' Awwissu, 2022.

Il-Prof. Frank Bezzina ma baqax jaqdi l-funzjonijiet ta' President.

It-2 ta' Awwissu, 2022

Nru. 958

FORZI ARMATI TA' MALTA (FORZA REGOLARI)

IL-PRESIDENT ta' Malta għoġbu japprova l-irtirar tal-Kaptan Pierre Casha mir-Riżerva Individwali tal-Uffiċjali tal-Forzi Armati ta' Malta b'seħħ mill-31 ta' Lulju, 2022.

It-2 ta' Awwissu, 2022

Nru. 959

L-ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)

Ħatra ta' Membru fuq il-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi

NGĦARRFU illi, skont is-setgħat mogħtija lilu b'Artikolu 3(2) tal-Att tal-2002 (Kap. 452), dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, ħatar il-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi għall-perjodu ta' sena b'seħħ mill-14 ta' Ġunju, 2022, kif ġej:

Chairperson
Dott. Roselyn Borg Knight

Deptuat Chairperson
Direttur Ġenerali, Relazzjoniojiet Industrijali u tal-Impjiegi (ex officio)

Membri
Is-Sur Chris Attard
Dott. Martin Balzan
Is-Sur Josef Vella
Is-Sur Josef Bugeja
Is-Sur Norbert Grixti

GOVERNMENT NOTICES

No. 957

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRESIDENT OF MALTA

IT is notified for general information that the President of Malta has resumed the functions of the Office of the President on Monday, 1st August, 2022.

Prof. Frank Bezzina has ceased to perform the functions of President.

2nd August, 2022

No. 958

ARMED FORCES OF MALTA (REGULAR FORCE)

THE President of Malta has been pleased to approve the retirement of Captain Pierre Casha from the Armed Forces of Malta Individual Reserve of Officers, with effect from the 31st of July, 2022.

2nd August, 2022

Nru. 959

EMPLOYMENT AND INDUSTRIAL RELATIONS ACT (CAP. 452)

Appointment of Employment Relations Board

IT is hereby notified that, in terms of the powers conferred by article 3(2) of the Employment and Industrial Relations Act of 2002 (Cap. 452), the Minister within the Office of the Prime Minister has appointed the Employment Relations Board for a period of one year with effect from the 14th June, 2022, as follows:

Chairperson
Dr Roselyn Borg Knight

Deputy Chairperson
Director General, Industrial and Employment Relations (ex officio)

Members
Mr Chris Attard
Dr Martin Balzan
Mr Josef Vella
Mr Josef Bugeja
Mr Norbert Grixti

Is-Sur Joseph Farrugia
Inġ. Rueben Cuschieri
Is-Sa Abigail Mamo
Dott. Desiree Cassar
Is-Sur Mark Musu
Is-Sur Kevin Agius
Dott. Aaron Mifsud Bonnici (Osservatur)
Dott. Matthew Brincat (Osservatur)
Il-Prof. Edward Zammit (Osservatur)

Segretarju
Is-Sur Anthony Azzopardi

It-2 ta' Awwissu, 2022

Nru. 960

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru 10 imsejjaħ l-Att tal-2022 li jemenda l-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd.

It-2 ta' Awwissu, 2022

Nru. 961

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 20,896 tas-26 ta' Lulju, 2022 (Avviż Legali 212) u Nru. 20,899 tad-29 ta' Lulju, 2022 (Avviżi Legali 213 sa 217) rispettivament.

A.L. 212 tal-2022: *Product Safety Act (Cap. 427); Safety of Toys (Amendment) Regulations, 2022*.

A.L. 213 tal-2022: Att dwar l-Isports (Kap. 455); Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kummerċjalizzazzjoni tal-Faċilitajiet Sportivi.

A.L. 214 tal-2022: Att dwar il-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (Kap. 627); Regolamenti tal-2022 dwar Miżuri ta' Aċċessibilità (Att Ewropew dwar l-Aċċessibilità).

A.L. 215 tal-2022: Att dwar il-Protezzjoni tal-Embrijuni (Kap. 524); Regolamenti tal-2022 dwar il-Protokoll tal-Awtorità għall-Protezzjoni tal-Embrijuni.

Mr Joseph Farrugia
Inġ. Rueben Cuschieri
Ms Abigail Mamo
Dr Desiree Cassar
Mr Mark Musu
Mr Kevin Agius
Dr Aaron Mifsud Bonnici (Observer)
Dr Matthew Brincat (Observer)
Prof. Edward Zammit (Observer)

Secretary
Mr Anthony Azzopardi

2nd August, 2022

No. 960

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 10 entitled the Fisheries Conservation and Management (Amendment) Act, 2022.

2nd August, 2022

No. 961

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 20,896 of 26th July, 2022 (Legal Notice 212) and No. 20,899 of 29th July, 2022 (Legal Notices 213 to 217) respectively.

L.N. 212 of 2022: Product Safety Act (Cap. 427); Safety of Toys (Amendment) Regulations, 2022.

L.N. 213 of 2022: Sports Act (Cap. 455); Commercialisation of Sports Facilities (Amendment) Regulations, 2022.

L.N. 214 of 2022: United Nations Convention on the Rights of Persons with Disabilities Act (Cap. 627.); Accessibility Measures (European Accessibility Act) Regulations, 2022.

L.N. 215 of 2022: Embryo Protection Act (Cap. 524); Embryo Protection Authority (Protocol) Regulations, 2022.

A.L. 216 tal-2022: Att tal-2022 li Jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Prokreazzjoni Assistita (Att Nru XI tal-2022); Avviż ta' Bidu fis-Seħħ.

A.L. 217 tal-2022: Att dwar il-Bastimenti Merkantili (Kap. 234), Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta (Kap. 499), Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (Kap. 545); Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kwalità tal-Karburanti.

It-2 ta' Awwissu, 2022

Nru. 962

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar Dottor Marco Burlo bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dottor Petra Burlo u dan għall-perjodu bejn it-8 ta' Awwissu, 2022 u l-14 ta' Awwissu, 2022.

Illum, l-1 ta' Awwissu, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Nru. 963

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar Dottor Marco Burlo bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dr Luca Burlo u dan għall-perjodu bejn it-8 ta' Awwissu, 2022 u t-23 ta' Awwissu, 2022.

Illum, l-1 ta' Awwissu, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

L.N. 216 of 2022: Various Laws Relating to Assisted Procreation (Amendment) Act, 2022 (Act No. XI of 2022); Commencement Notice.

L.N. 217 of 2022: Merchant Shipping Act (Cap. 234), Authority for Transport in Malta Act (Cap. 499), Regulator for Energy and Water Services Act (Cap. 545); Quality of Fuels (Amendment) Regulations, 2022.

2nd August, 2022

No. 962

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Marco Burlo to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Petra Burlo, for the period between the 8th August, 2022 and the 14th August, 2022.

Today, the 1st August, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

No. 963

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Marco Burlo to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Luca Burlo, for the period between the 8th August, 2022 and the 23rd August, 2022.

Today, the 1st August, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 964

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ DOKUMENTI U TRASFERIMENTI (KAP. 364)

Avviż skont l-Artikolu 61(1)

SKONT id-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 61(1) tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, il-Kummissarju tat-Taxxi b'dan jgħarraf lill-persuni msemmija aktar 'l isfel biex imorru fid-Dipartiment tal-Capital Transfer Duty, 46, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta, sabiex jiġbru l-avviżi magħmula fuqhom.

No. 964

DUTY ON DOCUMENTS AND TRANSFERS ACT (CAP. 364)

Notice in terms of Article 61(1)

IN Terms of the proviso to article 61(1) of the Duty on Documents and Transfers Act, the Commissioner for Revenue hereby notifies the persons listed hereunder to call at the Capital Transfer Duty Department, 46, Triq il-Merkanti, Valletta, to collect the notices made on such persons.

Isem *Name*	Karta tal-Identità *ID Number*	Numru tat-Talba *Claim Number*
Zammit Tonio	324979M	IV 152924
Scicluna Mario	193485M	IV 147420
Fenech Mavrick	321488M	IV 147408
Fenech Mavrick	321488M	IV 147418
Fenech Mavrick	321488M	IV 147410
Fenech Mavrick	321488M	IV 147057
Zammit Julian	26145M	IV 151128
Calleja Josann	422868M	IV 151179
Zammit Carmelo	254971M	IV 151127
Camilleri John Mary	807355M	IV 151365
Galea Charles James et	255395M	IV 144562
Calleja Omar	111788M	IV 146105
Cassar Laragh Jane	455693M	IV 147066
Spiteri Jordan Grant	4798M	IV 152706
Fenech Jonathan	115177M	IV 152302
Buhagiar Martin	334264M	IV 151147
Saliba Karl	166290M	IV 152522
Spiteri John	19161G	IV 152724
Administration Investment Management Services Limited	Roc. No. C19809	IV 150664
Fomeco Limited	Roc. No. C20438	IV 151652
Excel Investments Limited	Roc. No. C81721	IV 151211
Excel Investments Limited	Roc. No. C81721	IV 151240
Excel Investments Limited	Roc. No. C81721	IV 151237
Excel Investments Limited	Roc. No. C81721	IV 151263
Carravan Company Limited	Roc. No. C81183	IV 151212
CMC Properties Limited	Roc. No. C40609	IV 151216
Calypso Courts Property Holding Limited	Roc. No. C67055	IV 147576
Radar Developments Limited	Roc. No. C82126	IV 151000

Nru. 965

MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL

BIS-SAĦĦĦA tas-setgħat mogħtija bir-regolament 13 (1) (b) tat-Tlettax-il Skeda (Riċevuti Fiskali) tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, il-Kummissarju tat-Taxxa jgħarraf illi t-tip ta' cash register fiskali ġie approvat:

Marka *Brand*	Mudell *Model*	Bejjiegħ *Supplier*
3i¨ Retail Solutions	RT - 30	Info Tech Enterprises Ltd

It-2 ta' Awwissu, 2022

No. 965

MINISTRY FOR FINANCE AND EMPLOYMENT

IN exercise of the powers conferred by regulation 13 (1) (b) of the Thirteenth Schedule (Fiscal Receipts) of the Value Added Tax Act, the Commissioner for Revenue notifies that the following type of fiscal cash registers has been approved:

2nd August, 2022

Nru. 966

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

No. 966

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
2.8.2022	€55.428	€0.630

It-2 ta' Awwissu, 2022

2nd August, 2022

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 134

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97 it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet kif indikat hawn taħt.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħal Għargħur

Nhar il-Ħadd, 21 ta' Awwissu, 2022, mis-7.00 a.m. sas-1.00 p.m., minn Misraħ il-Knisja;

POLICE NOTICE

No. 134

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of L.N. 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Ħal Għargħur

On Sunday, 21st August, 2022, from 7.00 a.m. till 1.00 p.m., through Misraħ il-Knisja;

Nhar l-Erbgħa, 24 ta' Awwissu, 2022, u l-Ħamis, 25 ta' Awwissu, 2022, mit-3.00 p.m. sa nofsillejl, minn Misraħ il-Knisja;

Nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Awwissu, 2022, mill-5.00 p.m. sas-1.00 a.m. tas-Sibt, 27 ta' Awwissu, 2022, minn Misraħ il-Knisja and Triq San Bartilmew;

Nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Awwissu, 2022, mit-8.00 p.m. sa nofsillejl tas-Sibt, 27 ta' Awwissu, 2022, minn parti minn Triq Għaxqet l-Għajn kantuniera ma' Triq l-Isqof Gargallo u kantuniera ma' Triq il-Vittmi Naxxarin, In-Naxxar;

Nhar is-Sibt, 27 ta' Awwissu, 2022, u l-Ħadd, 28 ta' Awwissu, 2022, mill-5.00 p.m. sa nofsillejl, minn Triq l-Isqof Gargallo kantuniera ma' Triq San Baritlmew;

Nhar is-Sibt, 27 ta' Awwissu, 2022, mit-3.00 p.m. sa nofsillejl, minn Misraħ il-Knisja, Triq l-Oratorju, Triq San Nikola, Triq San Ġwann u Triq San Bartilmew;

Nhar il-Ħadd, 28 ta' Awwissu, 2022, mis-7.00 a.m. sal-4.00 p.m., minn Misraħ il-Knisja, Triq San Ġwann u Triq San Bartilmew;

Nhar il-Ħadd, 28 ta' Awwissu, 2022, mit-3.00 p.m. sa nofsillejl, minn Misraħ il-Knisja, Triq l-Oratorju, Triq Emmanuel Perren, Triq ir-Repubblika, Triq Stiefnu Zerafa, Triq San Ġwann u Triq San Bartilmew.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-2 ta' Awwissu, 2022

On Wednesday, 24th August, 2022, and Thursday, 25th August, 2022, from 3.00 p.m. till midnight, through Misraħ il-Knisja;

On Friday, 26th August, 2022, from 5.00 p.m. till 1.30 a.m. of Saturday 27th August, 2022, through Misraħ il-Knisja and Triq San Bartilmew;

On Friday, 26th August, 2022, from 8.00 a.m. till midnight of Saturday, 27th August, 2022, part of Triq Għaxqet l-Għajn corner with Triq l-Isqof Gargallo and corner with Triq il-Vittmi Naxxarin, Naxxar;

On Saturday, 27th August, 2022, and Sunday, 28th August, 2022, from 5.00 p.m till midnight, through Triq l-Isqof Gargallo corner with Triq San Baritlmew;

On Saturday, 27th August, 2022, from 3.00 p.m. till midnight, through Misraħ il-Knisja, Triq l-Oratorju, Triq San Nikola, Triq San Ġwann and Triq San Bartilmew;

On Sunday, 28th August, 2022, from 7.00 a.m. till 4.00 p.m., through Misraħ il-Knisja, Triq San Ġwann and Triq San Bartilmew;

On Sunday, 28th August, 2022, from 3.00 p.m. till midnight, through Misraħ il-Knisja, Triq l-Oratorju, Triq Emmanuel Perren, Triq ir-Repubblika, Triq Stiefnu Zerafa, Triq San Ġwann and Triq San Bartilmew.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

2nd August, 2022

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 135

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Ħamrun

Nhar il-Ħamis, 4 ta' Awwissu, 2022, programm mużikali fuq plančier quddiem l-Oratorju fis-6.00 p.m. u wara marċ tal-banda sas-1.30 a.m. tal-Ġimgħa, 5 ta' Awwissu, 2022, minn Triq

POLICE NOTICE

No. 135

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

Ħamrun

On Thursday, 4th August, 2022, musical programm in front of Oratory at 6.00 p.m. and afterwards band march till 1.30 a.m. of Friday, 5th August, 2022, through Triq il-Kbira

il-Kbira kantuniera ma' Triq Ċensu Borg, Triq Cordina Perez, Triq Ħal Qormi, Pjazza San Pawl u Triq il-Kbira sal-każin.

Għeluq u clearance ta' toroq u trasport pubbliku se jkun affettwat.

L-Imqabba

Nhar il-Ħadd, 14 ta' Awwissu, 2022, il-ġurnata kollha, (ħadd ma jista' jgħaddi jew jipparkja) mill-pjazza, Triq Karmenu Ciantar, Triq il-Madonna tal-Ġilju (in-naħa ta' isfel), Triq Santa Katarina, Triq il-Konvoy ta' Santa Marija, Triq id-Duluri, Triq il-Parroċċa u Triq tan-Nofs;

Nhar it-Tnejn, 15 ta' Awwissu, 2022, il-ġurnata kollha (ħadd ma jista' jgħaddi jew jipparkja) mill-pjazza, Triq Karmenu Ciantar, Triq il-Madonna tal-Ġilju, Triq Santa Katarina, Triq id-Duluri, Triq il-Parroċċa u Triq San Bażilju.

Trasport pubbliku se jkun ukoll affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-2 ta' Awwissu, 2022

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 31 tal-2022

Riċerka Xjentifika Marittima b'ROV fl-Approċċ tal-Port il-Kbir, il-Belt Valletta

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara li riċerka xjentifika marittima fl-approċċ tal-Port il-Kbir, il-Belt Valletta, se ssir bl-użu ta' Remotely Operated Vehicle (ROV). Dan ir-riċerka se ssir mill-bastiment Mare Rosa.

Ir-riċerka xjentifika marittima hija ppjanata li ssir fuq tliet ijiem mhux konsekuttivi bejn l-Erbgħa, 3 ta' Awwissu, 2022 u l-Erbgħa, 31 ta' Awwissu, 2022.

Ir- riċerka se ssir fiż-żona A, B, C, u D, kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt):

	Latitudni (T)	*Lonġitudni (L)*
A	35° 56'.752	14° 33'.004
B	35° 55'.050	14° 35'.040
C	35° 53'.970	14° 34'.122
D	35° 55'.602	14° 32'.088

Peress li l-ROV se jitħaddem mill-bastiment "Mare Rosa", se jkun ristrett fil-kapaċità li jimmanuvra u se jkun qed juri

corner with Triq Ċensu Borg, Triq Cordina Perez, Triq Ħal Qormi, Pjazza San Pawl and Triq il-Kbira till the band club.

Closure and clearance of roads and public transport will be affected.

Mqabba

On Sunday, 14th August, 2022, all day (no transit and no parking) through the square, Triq Karmenu Ciantar, Triq il-Madonna tal-Ġilju (lower part), Triq Santa Katarina, Triq il-Konvoy ta' Santa Marija, Triq id-Duluri, Triq il-Parroċċa and Triq tan-Nofs;

On Monday, 15th August, 2022, all day (no transit and no parking) through the square, Triq Karmenu Ciantar, Triq il-Madonna tal-Ġilju, Triq Santa Katarina, Triq id-Duluri, Triq il-Parroċċa and Triq San Bażilju.

Public transport will also be affected

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

2nd August, 2022

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 31 of 2022

Marine Scientific Research by ROV at the Approach of the Grand Harbour, Valletta

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that a marine scientific research at the approach of the Grand Harbour, Valletta, will be carried out with the use of a Remotely Operated Vehicle (ROV). This research will be carried out from the vessel Mare Rosa.

The marine scientific research is planned to be carried out over three non-consecutive days between Wednesday, 3rd August, 2022 and Wednesday, 31st August, 2022.

The research will be held within the area A, B, C, and D, as shown on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt):

	Latitude (N)	*Longitude (E)*
A	35° 56'.752	14° 33'.004
B	35° 55'.050	14° 35'.040
C	35° 53'.970	14° 34'.122
D	35° 55'.602	14° 32'.088

Since an ROV will be operated from the vessel "Mare Rosa", she will be restricted in her ability to manoeuvre and

s-sinjali xierqa f'konformità mar-Regolamenti Internazzjonali għall-Prevenzjoni ta' Kolliżjonijiet fuq il-Baħar.

Il-baħħara huma avżati biex jinnavigaw b'kawtela meta l-bastiment imsemmi hawn fuq jintlemaħ, u għandhom iżommu distanza sigura ta' 300m mill-bastiment.

Il-baħħara kollha għandhom josservaw kwalunkwe struzzjonijiet mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16, minn Valletta VTS u minn kull uffiċjal tal-infurzar fuq il-post.

Charts affettwati: BA 2537, 2538

It-2 ta' Awwissu, 2022

L-AĠENZIJA TAT-TEKNOLOĠIJA TAL-INFORMATIKA TA' MALTA

Technical Services Officer – ICT Services – 24/7 NOC

Permess tal-Jobsplus: 225/2016

MITA tistieden lil dawk interessati biex jaħdmu f'data centre 'state of the art' issapportjat b'teknoloġija avvanzata fl-aġenzija ewlenija tal-ICT tal-Gvern ta' Malta biex japplikaw għall-vakanza ta' hawn fuq.

Iċ-ċentru tal-monitoraġġ tan-network tal-MITA (NOC) huwa responsabbli biex jissorvelja attivament, jimmaniġġja u jissapportja servizzi tal-Gvern ta' Malta.

Din hija pożizzjoni għal Technical Services Officer f'xogħol fuq bażi ta' shift 24/7 bid-doveri prinċipali li huma dawn li ġejjin:

Monitoraġġ, sapport u soluzzjoni ta' problemi ta' operat li jinvolvu teknoloġiji varji bħal servizzi ta' Azure Cloud, Windows Servers u Linux Servers fin-network tal-infrastruttura tal-Gvern;

Skattar tal-proċessi li jinkludu 'incident management, change enablement, problem management' fejn u meta jkun hemm bżonn;

Kollaborazzjoni u komunikazzjoni ma' timijiet varji fl-Aġenzija biex tilħaq l-oġġettivi neċessarji;

Operat tal-faċilitajiet tad-Data Centre għas-sapport s-servizzi tal-Gvern;

Kontribut għall-bżonnijiet ta' kuljum fl-NOC.

Il-kandidati għandu jkollhom għarfien f'oqsma diversi tal-ICT bħal Local Area Networks, sistemi ta' operat, u teknoloġiji tad-desktop flimkien mal-abbiltà li jinteraġixxu

will be displaying the appropriate signals in compliance with the International Regulations for the Prevention of Collisions at Sea.

Mariners are instructed to navigate with caution when the above-mentioned vessel is sighted, and they are to maintain a safe distance of 300m from the vessel.

All mariners are to comply with any instructions given on VHF Channel 12 and/or 16, by Valletta VTS and by any enforcement personnel on site.

Charts affected: BA 2537, 2538

2nd August, 2022

MALTA INFORMATION TECHNOLOGY AGENCY

Technical Services Officer – ICT Services – 24/7 NOC

Jobsplus Permit: 225/2016

MITA invites those interested to work in a state of the art data centre supported by Cloud Technologies within Malta's leading Government ICT Agency to apply for the above-mentioned vacancy.

MITA's Network Operations Centre (NOC) is responsible to actively monitor, manage and support services for the Government of Malta.

This position is for a Technical Services Officer working on a 24/7 shift basis with the main duties being as follows:

Monitor, Support and Troubleshooting of Operational issues involving various technologies such as Azure Cloud Services, Windows Server and Linux Servers along with the Government Network Infrastructure;

Trigger processes including Incident management, Change enablement and Problem management where and as needed;

Collaborate and communicate with various teams across the Agency to reach the required objectives;

Operate the Data Centre facilities to support Government Services;

Contribute to the day-to-day requirements of the NOC

Candidates should have knowledge in various ICT areas such as Local Area Networks, Operating Systems and Desktop Technology together with the ability to interact

mal-klijenti tal-MITA, kif ukoll ikunu fluwenti kemm fil-Malti kif ukoll fl-Ingliż.

Dawn il-pożizzjonijiet jipprovdu bażi fundamentali eċċellenti għal karriera solida fl-ICT fil-MITA, inkluż taħriġ professjonali relatat ma' Industry Certifications. MITA tiggarantixxi ambjent ta' xogħol professjonali u pjaċevoli fejn l-isforzi tal-impjegati jkunu ppremjati. Apparti minn pakkett finanzjarju tajjeb, dawn il-pożizzjonijiet igawdu minn numru ta' benefiċċji bl-intenzjoni li jipprovdu lill-impjegati esperjenza ta' xogħol pjaċevoli u pożittiva. Dan jinkludi sett ta' benefiċċji favur il-familja bl-intenzjoni li jipprovdu bilanċ tajjeb bejn il-familja u x-xogħol.

Il-kandidati magħżula jkunu impjegati fuq bażi ta' kuntratt indefinit.

Rekwiżiti għall-Eliġibbiltà

Waħda milli ġejjin f'qasam tal-ICT:

i) Kwalifika fl-ICT f'Livell 5 tal-MQF JEW ogħla; JEW

ii) Kwalifika fl-ICT f'Livell 4 tal-MQF U sena (1) esperjenza f'qasam tal-ICT; JEW

iii) Sentejn (2) esperjenza f'qasam tal-ICT.

Il-kandidati jistgħu jiġu offruti l-pożizzjoni fuq Livell ta' Associate – Livell ta' Karriera 2, jew Livell Standard – Livell ta' Karriera 3; dan jiddependi mil-livell ta' kompetenza.

Gradwati ġodda jistgħu jiġu offruti opportunità ta' xogħol suġġett li jippovdu r-riżultati finali.

Taħriġ ikun ipprovdut.

CV dettaljat, flimkien ma' ittra elettronika ta' applikazzjoni għandhom jintbagħtu sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 5 ta' Awwissu, 2022, lil (careers.mita@gov.mt)

It-2 ta' Awwissu, 2022

with MITA's clients, and must be fluent in both Maltese and English.

These positions provide an excellent fundamental basis for a solid career in ICT with MITA, including professional training in related Industry Certifications. MITA guarantees a professional and enjoyable work environment where employees' efforts are rewarded. Apart from a good remuneration package, these positions enjoy a number of perks intended to provide employees with an enjoyable and positive work experience. This includes a set of family friendly benefits intended to provide the right work-life balance.

Successful candidates will be employed on an indefinite term contract.

Eligibility Requirements

One of the following in an ICT area:

i) A qualification at MQF Level 5 OR higher; OR

ii) A qualification in a related area (MQF Level 4) AND 1 year experience in an ICT area; OR

iii) 2 years' experience in an ICT area

Candidates may be offered the position as an Associate Level – Career Level 2, or the Standard Level – Career Level 3; depending on competency level.

Fresh graduates may be offered an employment opportunity subject to the provision of final results.

Training will be provided.

A detailed CV, together with a covering email by not later than Friday, 5th August, 2022, to (careers.mita@gov.mt)

2nd August, 2022

L-AĠENZIJA TAT-TEKNOLOĠIJA TAL-INFORMATIKA TA' MALTA

Opportunitajiet ta' Karriera fit-tim tan-Networks Engineering Services

Technical Services Officer

Permess tal-Jobsplus: 379/2017

MITA qed tfittex li timpejga Technical Services Officer biex jaħdem fit-tim tas-Servizzi Tan-Netwerks.

MALTA INFORMATION TECHNOLOGY AGENCY

Career Opportunity in our Network Engineering Services Team

Technical Services Officer

Jobsplus Permit: 379/2017

MITA is seeking to employ a Technical Services Officer to work in our Network Services Team.

Dan it-tim huwa responsabbli mill-operat kontinwu u titjib fis-servizz tal-infrastruttura tan-Netwerk tal-Gvern li jinkludu:

Proġetti fid-Data Centre Network Infrastructure u Core Network Connectivity;

Konnettivita WAN fis-siti tal-Gvern;

Konnettivita tan-Network wireless fis-siti tal-Gvern;

Proġetti ta' Infrastruttura LAN fis-siti tal-Gvern.

Bħala parti mit-tim tas-servizzi tan-Network, it-Technical Services Officer ikun qed jaħdem ma' kollegi u impjegati oħrajn fl-Aġenzija biex isolvi problemi ta' operat, inaqqas ir-rikorrenza ta' inċidenti, u jżid l-affidabbiltà u l-użu tas-servizzi tal-infrastruttura tal-ICT.

Dan huwa rwol li jipprovdi lill-kandidati l-opportunità li jipparteċipaw fi proġetti u servizzi interessanti u ta' profil għoli, li jakkwistaw kompetenzi diversi u jiżviluppaw iktar il-karriera tagħhom.

Il-kandidati eliġibbli għandu jkollhom wieħed minn dawn is-settijiet ta' kwalifiki u/jew esperjenza relatata mal-ICT:

i) Diploma relatata mal-ICT (Livell 5 tal-MQF); JEW
ii) Diploma relatata mal-ICT (Livell 4 tal-MQF) flimkien ma' sena esperjenza f'qasam relatat; JEW
iii) Sentejn esperjenza f'qasam relatat.

Gradwati ġodda jistgħu jiġu offruti opportunità ta' impjig suġġett għad-dispożizzjoni tar-riżultati finali.

Il-kwalifiki, esperjenza u kompetenzi tal-kandidati jiġu evalwati skont il-qafas tal-Career Progression tal-Aġenzija. Il-kandidati magħżulin jistgħu jiġu ingaġġati f'Livell ta' Associate – Livell ta' Karriera 2, Livell Standard – Livell ta' Karriera 3, jew Livell Senior – Livell ta' Karriera 4.

CV dettaljata, flimkien ma' ittra elettronika ta' applikazzjoni għandhom jintbagħtu sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 5 ta' Awwissu, 2022, lil (careers.mita@gov.mt).

It-2 ta' Awwissu, 2022

The team is responsible for the continuous operation and service improvement of the Government's network infrastructure components including:

Data Centre network infrastructure projects and core network connectivity;

WAN connectivity across Government sites;

Wireless network connectivity across Government sites;

LAN Infrastructure Projects across Government sites.

As a member of the Network Services Team, the chosen candidate will work with your colleagues and others across the agency to troubleshoot operational issues, reduce the recurrence of incidents, and increase the reliability and usability of our infrastructure services.

This is a very challenging role and provides candidates with the opportunity to participate in interesting and high-profile projects and services, acquiring diverse skills and further developing one's career.

Eligible candidates will hold either of the following combinations of qualifications and/or experience, related to ICT. Either:

i) an ICT related diploma (MQF Level 5); OR
ii) an ICT related diploma (MQF Level 4) together with one year experience in an ICT related area; OR
iii) two years' experience in an ICT related area.

Fresh graduates may be offered an employment opportunity subject to the provision of final results.

Candidates' qualifications, experience and competencies will be assessed in line with the Agency's Career Progression framework. Successful candidates may be engaged at either the Associate Level – Career Level 2, Standard Level – Career Level 3, or Senior Level – Career Level 4.

A detailed CV, together with a covering email are to be submitted by not later than Friday, 5th August, 2022, to (careers.mita@gov.mt).

2nd August, 2022

AVVIŻ TAT-TEŻOR

Fidwa tas-7% Stock tal-Gvern ta' Malta 2022 III

Skont u għall-finijiet ta' paragrafu 5 tal-Avviż Legali numru 275 tal-21 ta' Awwissu 2012, it-Teżor javża li s-7% Stock tal-Gvern ta' Malta 2022 III kollu li għandu valur

TREASURY NOTICE

Redemption of the 7% Malta Government Stock 2022 III

Pursuant to and for the purpose of paragraph 5 of Legal Notice No. 275 of the 21st August 2012, the Treasury hereby gives notice that all of the 7% Malta Government Stock

nominali ta' €1,318,800 ser jinfeda bi premium ta' 10% fuq il-valur nominali fl-1 ta' Settembru, 2022.

L-aħħar ħlas tal-imgħax dovut għall-perjodu bejn l-1 ta' Marzu 2022 u l-31 ta' Awwissu 2022 (iż-żewġ dati nklużi) ser isir fid-data tal-fidwa tal-iStock nhar l-1 ta' Settembru 2022 bir-rata ta' 3.5% lill-persuni kollha li fl-10 ta' Awwissu 2022 ikunu reġistrati bħala detenturi fir-Reġistru tal-iStock tas-7% Stock tal-Gvern ta' Malta 2022 III tal-Borża ta' Malta.

Il-kapital ser jitħallas fl-1 ta' Settembru 2022 lill-persuni kollha li fl-10 ta' Awwissu 2022 ikunu reġistrati bħala detenturi fir-Reġistru tal-iStock tas-7% Stock tal-Gvern ta' Malta 2022 III tal-Borża ta' Malta.

It-2 ta' Awwissu, 2022

2022 III that is, €1,318,800 nominal shall be redeemed at a premium of 10% over the nominal value on the 1st September, 2022.

The final interest payment covering the period from the 1st day of March 2022 to the 31st day of August 2022 (both days inclusive) will be payable on 1st September 2022 at the rate of 3.5% to the persons registered as holders in the Register of the 7% Malta Government Stock 2022 III of the Malta Stock Exchange on 10th August 2022.

The redemption monies will be payable on 1st September 2022 to the persons registered as holders in the Register of the 7% Malta Government Stock 2022 III of the Malta Stock Exchange on the 10th August 2022.

2nd August, 2022

ATT TAL-2003 DWAR IL-PROFESSJONIJIET TAS-SAĦĦA
(KAP. 464)

Regolamenti tal-2004 dwar l-Elezzjonijiet tal-Kumitat tal-Appelli

Nominazzjoni ta' Kandidati

Ngħarrfu b'dan skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-2004 dwar l-Elezzjonijiet tal-Kumitat tal-Appelli, illi n-nominazzjonijiet ta' kandidat biex timtela vakanza mill-professjonijiet regolati mill-Kunsill Mediku bħala membru fuq il-Kumitat ta' Appelli, skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 49(1)(e)(i) tal-Att tal-2003 dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa (Kap. 464), se jintlaqgħu mir-Reġistratur tal-Kunsill Mediku fl-Uffiċċju tal-Kunsill Mediku, l-Isptar San Luqa, Outpatients Department, l-Ewwel Sular, Pjazza San Luqa, Gwardamanġa PTA 1010, nhar il-Ħamis, 11 ta' Awwissu, 2022, bejn it-8.00 a.m. u s-2.00 p.m., u nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Awwissu, 2022, bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar.

Il-formoli tan-nominazzjonijiet għal kandidati jistgħu jinkisbu mill-uffiċċju tal-Kunsill Mediku u mill-uffiċċju tal-Amministratur Mediku fl-Isptar Ġeneral ta' Għawdex, jew minn (https://deputyprimeminister.gov.mt/en/regcounc/medicalcouncil/Pages/councelec.aspx).

Dott. George Depasquale, MD
Il-Prof. David C. Mamo, MD, FRCP, DABPN
Il-Prof. John M. Portelli, BChD, MDS, FDS, RCS
Kummissjoni għall-Elezzjonijiet tal-Kunsill Mediku

Dan l-avviż iħassar dak ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 20,892 tal-15 ta' Lulju, 2022, f'paġna 10,768.

It-2 ta' Awwissu, 2022

HEALTH CARE PROFESSIONS ACT, 2003
(CAP. 464)

Appeals Committee (Elections) Regulations 2004

Nomination of Candidates

It is hereby notified in pursuance of the aforementioned provisions of the Appeals Committee (Elections) Regulation 2004, that the nomination of one professional regulated by the Medical Council to sit on the Appeals Committee in accordance with the provisions of Article 49(1)(e)(i) of the Health Care Professions Act, 2003 (Cap. 464), will be received by the Registrar of the Medical Council at the Medical Council's Office, St Luke's Hospital, Outpatient's Department, Level 1, St Luke's Square, Gwardamanġa PTA 1010, on Thursday, 11th August, 2022, between 8.00 a.m. and 2.00 p.m., and on Friday, 12th August, 2022, between 8.00 a.m. and noon.

Nomination forms for candidates may be obtained from the Medical Council's office or from the Medical Administrator's office, Gozo General Hospital, or from (https://deputyprimeminister.gov.mt/en/regcounc/medicalcouncil/Pages/councelec.aspx).

Dr George Depasquale, MD
Prof. David C. Mamo, MD, FRCP, DABPN
Prof. John M. Portelli, BChD, MDS, FDS, RCS
Medical Council – Elections Commission

This notice supersedes the one published in Government Gazette No. 20,892 of the 15th July, 2022, on page 10,768.

2nd August, 2022

KUNSILL NAZZJONALI TAL-KTIEB

Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb u l-Premju Terramaxka 2022 – jitħabbru l-finalisti

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb (KNK) qed iħabbar il-lista tal-finalisti tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb u l-Premju Terramaxka 2022, għal kotba ppubblikati fl-2021.

Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb issa jinsab fil-45 edizzjoni tiegħu, u huwa l-ogħla premju letterarju mogħti lil awturi, edituri, tradutturi, pubblikaturi, u illustraturi. Iservi wkoll bħala pjattaforma u gwida għall-aħjar kotba ppubblikati f'Malta s-sena ta' qabel. Il-lista ntgħażlet minn bord ta' aġġudikazzjoni indipendenti maħtur mill-KNK skont damma ta' kriterji stabbiliti.

Il-lista tal-2022 fiha 63 ktieb minn 199 xogħol eliġibbli li ġew sottomessi sat-28 ta' Marzu, 2022; 43 ktieb għamluha mal-finalisti fi tmien kategoriji tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb għall-adulti, filwaqt li l-20 l-oħra huma finalisti f'sitt kategoriji tal-Premju Terramaxka għat-tfal u l-adolexxenti. Il-kategoriji tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb għall-adulti huma r-Rumanzi, in-Novelli, il-Poeżiji, id-Drama, il-Letteratura mhux Fittizja, it-Traduzzjoni, ir-Riċerka Ġenerali, u r-Riċerka Bijografika u Storjografika. Dawk tal-Premju Terramaxka huma x-Xogħlijiet Oriġinali għal tfal bejn 0-7 u 8-12-il sena, u l-Letteratura għaż-Żgħażagħ, u Xogħol Maqlub għall-Malti għal tfal bejn 0-7 u 8-12-il sena, u Letteratura għaż-Żgħażagħ tradotta.

Il-kotba finalisti kollha jinsabu għall-bejgħ mingħand bejjiegħa lokali jew minn ħwienet online, u se jkunu jistgħu jinxtraw wkoll waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2022 (23-27 ta' Novembru) fiċ-Ċentru għall-Fieri u l-Konvenzjonijiet (MFCC) f'Ta' Qali.

Aktar informazzjoni dwar il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2022 jew inizjattivi oħra tal-KNK jinsabu fuq il-paġna ta' Facbook (www.facebook.com/nationalbookcouncil) jew fis-sit (www.ktieb.org.mt).

NATIONAL BOOK COUNCIL

Shortlisted works for the 2022 National Book Prize and Terramaxka Prize announced

The National Book Council is announcing the shortlist for the 2022 National Book Prize and Terramaxka Prize, for books published in 2021.

Now in its 45th edition, the National Book Prize is the highest literary prize assigned to authors, editors, translators, publishers and illustrators, and serves as guide to standout books published in Malta during the preceding year. The shortlist has been selected by an independent adjudication board appointed annually by the National Book Council according to a set of established criteria.

The 2022 shortlist includes 63 titles selected out of 199 longlisted and eligible works received by 28th March, 2022; 43 books have been shortlisted across the eight National Book Prize categories, and 20 books for children and young adults have been shortlisted in the six Terramaxka Prize categories. The categories of the National Book Prize for adults are Novels, Short Stories, Poetry, Drama, Literary Non-Fiction, Translation, General Research, and Biographical and Historiographic Research. The categories in the Terramaxka Prize are Original Works for Children ages 0-7, 8-12 and Young Adult Literature, books in Translation for Children ages 0-7 and 8-12, and Young Adult Literature in Translation.

All of the National Book Prize shortlisted books are available in local bookstores and online shops, and will be sold at the upcoming 2022 Malta Book Festival (23–27 November) held at the Malta Fairs and Conventions Centre (MFCC), Ta' Qali.

Further 2022 National Book Prize news and all other National Book Council initiatives can be found on the Facebook page (www.facebook.com/nationalbookcouncil) or on (www.ktieb.org.mt).

Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2022: kotba ppubblikati fl-2021
2022 National Book Prize: books published in 2021

Rumanzi bil-Malti u bl-Ingliż
Novels in Maltese and English

Titlu tal-Ktieb *Title of Book*	Awtur/Editur *Author/Editor*	Pubblikatur *Publisher*
Camerata!	Aleks Farrugia	SKS Publishers
Big Oak on Little Mountain	Lou Drofenik	Horizons
Varjetà: L-Istorja Kważi Vera tal-Kumpanija Stage Commandos	Toni Sant	Klabb Kotba Maltin
Frammenti	Tyrone Grima	Merlin Publishers

Novelli bil-Malti u bl-Ingliż
Short stories in Maltese and English

Titlu tal-Ktieb *Title of Book*	Awtur/Editur *Author/Editor*	Pubblikatur *Publisher*
Ċelel bla Ħitan	Stephen Lughermo	Horizons
Talb għax-Xita	Alex Mizzi	Klabb Kotba Maltin
Disgħin Minuta	Charles Casha	Klabb Kotba Maltin
Minn Taħt l-Ilsien	Rita Saliba	Klabb Kotba Maltin
Il-Ħamsin: 24 Awtur, 24 Storja, in-numru 50	Ġorġ Mallia (ed.)	Klabb Kotba Maltin
Il-Parabboli tal-Imġienen	Keith Borg	Merlin Publishers
Żifna f'Xifer Irdum	Nadia Mifsud	Merlin Publishers
Tad-Demm u l-Laħam	Steve Borg	Klabb Kotba Maltin

Poeżija bil-Malti u bl-Ingliż
Poetry in Maltese and English

Titlu tal-Ktieb *Title of Book*	Awtur/Editur *Author/Editor*	Pubblikatur *Publisher*
Varjazzjonijiet tas-Skiet	Nadia Mifsud	Ede Books
Insa li Mhijiex Hawn	Norbert Bugeja	Klabb Kotba Maltin
Ħassartek	Matthew Schembri	Matthew Schembri
Cain	Richard England	Kite Group

Drama bil-Malti u bl-Ingliż
Drama in Maltese and English

Titlu tal-Ktieb *Title of Book*	Awtur/Editur *Author/Editor*	Pubblikatur *Publisher*
Getting in the Way	Vincent Vella	Horizons
L-Interrogazzjoni	Alfred Buttigieg	Teatru Malta

Traduzzjoni
Translation

Titlu tal-Ktieb *Title of Book*	Awtur/Editur *Author/Editor*	Pubblikatur *Publisher*
Id-Divina Commedia (Dante Alighieri)	Alfred Palma	Klabb Kotba Maltin
In-Nisa Ferrieħa ta' Windsor (William Shakespeare)	Alfred Palma	Alfred Palma
Kwarantina (Jim Crace)	Charles Flores	Horizons
Damasku Tiegħi (Suad Amiry)	Jean Paul Borg	Klabb Kotba Maltin
Il-Patt il-Ġdid	Paul Mizzi	Dar tal-Pubblikazzjoni Qum
Kunċert b'Tifkira ta' Anġlu (Éric-Emmanuel Schmitt)	Claudine Borg	Faraxa Publishing
Anne Frank: Id-Djarju ta' Tfajla Edizzjoni Definittiva (Anne Frank)	Mary Rose Mifsud	Faraxa Publishing
Vespers (Trevor Żahra)	Clare Vassallo	Merlin Publishers
Fratelli Tutti (Papa Franġisku)	Francesco Pio Attard	Reliġjon u Ħajja

Letteratura mhux Fittizja
Literary non-Fiction

Titlu tal-Ktieb *Title of Book*	Awtur/Editur *Author/Editor*	Pubblikatur *Publisher*
Confessions of a European Maltese: The Middle Years, 1975-1992	Alfred Sant	SKS Publishers
Memories from the Front Line: Five Decades of Service to the Country (1965-2005)	Joseph R. Grima	Midsea Books

Riċerka ta' Natura Ġenerali
General Research

Titlu tal-Ktieb *Title of Book*	Awtur/Editur *Author/Editor*	Pubblikatur *Publisher*
Cities, Harbours and Artefacts: Transformations of an Early Modern Landscape. Proceedings of the Public Lecture Series 2018-2019 Urban Landscapes held at the National Library of Malta, Valletta	Maroma Camilleri, Mevrick Spiteri (eds.)	Malta Libraries
Josef Kalleya and Dante: A Child's Tormented Soul in Paradise Vol. 1	Giuseppe Schembri Bonaci	Horizons
Josef Kalleya and Dante: A Child's Tormented Soul in Paradise Vol. 2	Giuseppe Schembri Bonaci	Horizons
International Perspectives on the Decorative Arts: Nineteenth-Century Malta	Mark Sagona	Midsea Books
Art Nouveau To Modernism : Architecture in Malta 1910-1950	Conrad Thake	Kite Group
Dinner in Malta in a Series of Vignettes 1530-1930	Matty Cremona	Midsea Books
The Houses of Baroque Valletta 1650-1750. Property Redevelopment from Records of the Officio delle Case: Socio-economic Reflections on Civil Buildings	Mevrick Spiteri	Midsea Books
Kiri ta' binja għal uffiċini ta' ARMS Ltd
CT4012/2021

Automated Revenue Management Services Limited (ARMS Ltd) qed tfittex offerenti interessati biex jipparteċipaw f'sejħa għal offerta għall-kiri ta' bini biex iservi bħala uffiċini għall-Automated Revenue Management Services Limited (ARMS Ltd).

Partijiet interessati huma mistiedna biex jissottomettu offerta mis-sit (https://www.tenders.gov.mt/) sal-Ħamis, 15 ta' Settembru, 2022, sad-9.30 a.m. (Ħin Ċentarli Ewropew).

It-2 ta' Awwissu, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Id-Direttur Maniġerjali (Procurement u Provvisti), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tal-Ħamis, 25 ta' Awwissu, 2022. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għall-provvista ta':

CFT 021-0913/22. 'Clopidogrel 75mg tablets'
CFT 020-0914/22. 'Hypodermic syringes 22.0-22.0ml'
CFT 020-0915/22. 'Microscope cover glasses'
CFT 021-0916/22. 'Yttrium-90 resin microspheres'
CFT 020-0917/22. 'Intravenous administration set for use with infusion pump B.Braun Infusomat P'
CFT 020-0918/22. 'Sterile cannula 17Gx45to50mm'

thirty-two euro (€332) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

These adverts are being published as an invitation to the public to acquire tender documents online. The bidders are to refer to all the conditions of the tender document and are invited to carefully read these conditions. Tenders should be submitted only on the prescribed form, which together with the relevant conditions and other documents, may be obtained by clicking on 'Buy Tender' on the webpage where these tenders are available on (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). A fee of fifty euro (€50) must be paid through the online system of the Lands Authority website.

2nd August, 2022

AUTOMATED REVENUE MANAGEMENT SERVICES LIMITED

Call for Tender

Lease of office for ARMS Ltd
CT4012/2021

Automated Revenue Management Services Limited (ARMS Ltd) is seeking interested bidders to participate in a call for tender for the lease of a building to serve as offices for the Automated Revenue Management Services Limited (ARMS Ltd).

Interested parties are invited to submit an offer through the website (https://www.tenders.gov.mt/) till Thursday, 15th September, 2022, till 9.30 a.m. (Central European Time)

2nd August, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Managing Director (Procurement and Supplies), Ministry for Health, notifies that:

Electronic tenders in respect of the following notices will be received till 9.30 a.m. on Thursday, 25th August, 2022 Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for the supply of:

CFT 021-0913/22. Clopidogrel 75mg tablets
CFT 020-0914/22. Hypodermic syringes 22.0-22.0ml
CFT 020-0915/22. Microscope cover glasses
CFT 021-0916/22. Yttrium-90 resin microspheres
CFT 020-0917/22. Intravenous administration set for use with infusion pump B.Braun Infusomat P
CFT 020-0918/22. Sterile cannula 17Gx45to50mm

CFT 021-0919/22. 'Insulin Degludec 100 units/ml injections'

Id-dokumenti tal-offerta huma mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti jinkisbu biss mill-Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża s-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-eID tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

It-2 ta' Awwissu, 2022

DIVIŻJONI TAL-ISTRATEĠIJA
U L-IMPLIMENTAZZJONI
MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI
EWROPEJ U L-ARTIJIET

Konsultazzjoni Pubblika

Id-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tal-Istrateġija u l-Implimentazzjoni fi ħdan l- Ministeru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet, jgħarraf lill-pubbliku bil-proċess ta' konsultazzjoni pubblika dwar il-valutazzjoni ambjentali tal-programm PAK-PS 2023-2027.

Ir-rapport ambjentali u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu mis-sit elettroniku (www.eufunds.gov.mt) jew mid- Diviżjoni tal-Istrateġija u l-Implimentazzjoni, Sezzjoni Fondi Ewropej, 32, House of Catalunya, Triq Marsamxett, Il-Belt Valletta VLT 1850. Sottomissjonijiet jistghu jintbaghtu sa nofsinhar CEST tal-Ġimgħa, 26 ta' Awwissu, 2022. permezz ta :

ittra elettronika lil (feedback.cap@gov.mt), jew

bil-posta indirizzata lid-Diviżjoni tal-Istrateġija u l-Implimentazzjoni, Sezzjoni Fondi Ewropej, 32, House of Catalunya, Triq Marsamxett, Il-Belt Valletta VLT 1850.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mill-istess sit.

Proposti li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

It-2 ta' Awwissu, 2022

CFT 021-0919/22. Insulin Degludec 100 units/ml injections

These tender documents are free of charge.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders. gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the times and dates specified above.

2nd August, 2022

DIVISION OF STRATEGY
AND IMPLEMENTATION
MINISTRY FOR THE ECONOMY, EUROPEAN
FUNDS AND LANDS

Public Consultation

The Director-General, Division of Strategy and Implementation within the Ministry of the Economy, European Funds and Lands, informs the public of the public consultation process on the environmental assessment of the CAP-SP programme 2023-2027.

Environmental report and other documents can be obtained from the electronic website (www.eufunds.gov.mt) or from the Strategy and Implementation Division, European Funds Section, 32, House of Catalunya, Triq Marsamxett, Valletta VLT 1850. Submissions can be sent until noon CEST on Friday, 26th August, 2022, via:

email to (feedback.cap@gov.mt), or

by post addressed to Strategy and Implementation Division, European Funds Section, 32, House of Catalunya, Triq Marsamxett, Valletta VLT 1850.

More information can be found on the same site.

Late proposals will not be considered.

2nd August, 2022

KUNSILL LOKALI Ż-ŻEJTUN

Il-Kunsill Lokali taż-Żejtun jgħarraf li:

Sejħiet għall-applikazzjonijiet għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali ż-Żejtun sad-9.30 a.m. ta' nhar it-Tlieta, 23 ta' Awwissu, 2022, għal:

EOI Nru. ZLC/EOI/01/2022. Servizz professjonali għal Junior Science Club Animators.

Id-dokument jinġabar mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

It-2 ta' Awwissu, 2022

ŻEJTUN LOCAL COUNIL

The Żejtun Local Council notifies that:

Calls for applications are being received by the Żejtun Local Council till 9.30 a.m. of Tuesday, 23rd August, 2022, for:

EOI No. ZLC/EOI/01/2022. Professional service for Junior Science Club Animators.

Document can be obtained from the Council's Administrative Office.

2nd August, 2022

KUNSILL LOKALI PEMBROKE

Il-Kunsill Lokali Pembroke jgħarraf illi:

Sejħiet għall-applikazzjonijiet għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali Pembroke, sal-10.30 a.m. ta' nhar it-Tnejn, 5 ta' Settembru, 2022, għal:

Avviż Nru PLC/T/02/2022. Provvista ta' 'health attendants' biex jagħmlu servizzi ta' tindif għal lattrini pubbliċi b'mod li jitħares 'l-ambjent;

Avviż Nru PLC/T/03/2022. Żamma u manutenzjoni ta' parks u ġonna bl-użu ta' miżuri li ma jagħmlux ħsara 'l-ambjent;

Avviż Nru PLC/T/05/2022. Tiswija u rikostruzzjoni ta' xogħlijiet tat-toroq.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS min fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq il-website u wieħed jista' jarahom jew jitniżżlu mill-istess sit.

It-2 ta' Awwissu, 2022

PEMBROKE LOCAL COUNCIL

The Pembroke Local Council notifies that:

Applications will be received at the Pembroke Local Council, up to 10.30 a.m. of Monday, 5th September, 2022, for:

Advt No. PLC/T/02/2022. Provision of health attendants to carry out services of cleaning of public conveniences in an environmentally friendly manner;

Advt No. PLC/T/03/2022 . Upkeep and maintenance of parks and gardens using environmentally friendly measures;

Advt No. PLC/T/05/2022. Repairs and reconstruction of road works.

Documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the e-tenders website on (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the document will be uploaded and available to view and download from this same website.

2nd August, 2022

KUNSILL LOKALI L-IMTARFA

Il-Kunsill Lokali l-Imtarfa jgħarraf illi:

Sejħiet għall-offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali l-Imtarfa permezz tal-ePPS, sad-9.30 a.m. ta' nhar it-Tlieta, 23 ta' Awwissu, 2022, għal:

Avviż Nru. MTFLC/T/003/2022. Provvediment u installazzjoni ta' servizzi mekkaniċi u elettriċi (M-E) fiċ-Ċentru tal-Viżitaturi (ħruġ mill-ġdid).

MTARFA LOCAL COUNCIL

The Mtarfa Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Mtarfa Local Council through ePPS, up to 9.30 a.m. on Tuesday, 23rd August, 2022, for:

Advt No. MTFLC/T/003/2022. Supply and installation of mechanical and electrical (M-E) services at the Mtarfa visitors centre (re-issue).

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku tal-etenders (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-offerta jittellgħu fis-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-2 ta' Awwissu, 2022

KUNSILL LOKALI L-MELLIEĦA

Sejħa għall-Offerti

Il-Kunsill Lokali l-Mellieħa jgħarraf illi:

Sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tlieta, 7 ta' Settembru, 2022, permezz tal-ePPS jirċievi offerti għal:

Avviż Nru. MLC 6/2022. Rinnovar ta' taraġ eżistenti li jifforma parti minn Triq il-Madonna tal-Għar, Il-Mellieħa, bl-użu ta' materjali li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jistgħu jiġu mniżżla mill-ePPS (www.etender.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fis-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom, jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kwalukwe offerta, anke l-aktar waħda li tidher vantaġġjuża.

It-2 ta' Awwissu, 2022

KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Il-Kunsill Lokali Santa Venera jgħarraf li:

Offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali Santa Venera permezz tal-ePPS, għal:

Avviż Nru. STV/LC/T/03/2022. Xogħlijiet ċivili għal pilastri ħodor, Triq il-Ferrovija, Santa Venera, bl-użu ta' diversi materjali li ma jagħmlux ħsara 'l-ambjent;

Advt No. STV/LC/T/04/2022. Xogħlijiet – rinnovar tal-ġonna Romeo Romano, Santa Venera, bl-użu ta' materjali li ma jagħmlux ħsara 'l-ambjent.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website on (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

2nd August, 2022

MELLIEĦA LOCAL COUNCIL

Call for Tenders

The Mellieħa Local Council notifies that:

Tenders will be received through ePPS up to noon (Central European Time) on Tuesday, 7th September, 2022, for:

Advt No. MLC 6/2022. Upgrading of existing stairway forming part of Triq il-Madonna tal-Għar, Mellieħa, by the use of environmentally friendly materials.

Tender documents are free of charge and may be downloaded from the ePPS (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be available for viewing and download from the same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most seemingly advantageous.

2nd August, 2022

SANTA VENERA LOCAL COUNCIL

The Santa Venera Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Santa Venera Local Council through ePPS, for:

Advt No. STV/LC/T/03/2022. Civil works of green pillars, Triq il-Ferrovija, Santa Venera, using various environmentally friendly materials;

Advt No. STV/LC/T/04/2022. Works – the upgrading of Romeo Romano gardens, Santa Venera, using various environmentally friendly materials.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the e-tenders website (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-2 ta' Awwissu, 2022

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

2nd August, 2022

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1330

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-23 ta' Ġunju, 2022, Rikors numru 1124/2022, minn Alfrida Deguara et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Alfrida Deguara, mart id-decujus, fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż u r-rimanenti nofs (1/2) indiviż favur Clint Deguara iben id-decujus is-suċċessjoni ta' Emanuel Deguara, żewġ Alfrida Deguara, bin il-mejtin Angelo Deguara u Concetta née Sghendo, imwieled l-Imsida, Malta, kien residenti n-Naxxar, Malta, u miet l-Imsida, Malta, fis-6 ta' Frar, 2022, ta' 66 sena, u li kellu karta tal-identità bin-numru 136256M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 28 ta' Lulju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 25th May, 2022, Application number 1124/2022, by Alfrida Deguara et whereby they requested that it be declared open in favour of Alfrida Deguara, wife of the decujus, in the quota of one half (1/2) undivided share and the remaining one half (1/2) undivided share in favour of Clint Deguara son of the decujus the succession of Emanuel Deguara, husband of Alfrida Deguara, son of the late Angelo Deguara and Concetta née Sghendo, born in Msida, Malta, resided in Naxxar, Malta, and died in Msida, Malta, on the 6th February, 2022, aged 66, and who held identity card number 136256M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 28th July, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1331

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tas-27 ta' Lulju, 2022, u dan wara Rikors b'numru 600/2022, ordnat:

Illi wara li jiġu sodisfatti r-rekwiżiti kollha tal-Artiklu 244 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) u wara li tkun ġiet provduta konferma bil-miktub taċ-Ċittadinanza Maltija ta' Christopher Mario Baker maħruġa mid-Dipartiment taċ-Ċittadinanza, meta l-Att tat-Twelid esteru ta' Christopher Mario Baker, jiġi biex ikun irreġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta, isiru l-korrezzjonijiet jew annotazzjonijiet opportuni f'dak l-Att tat-Twelid ta' Christopher Mario Baker u ssir annotazzjoni

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 27th July, 2022, and upon an application numbered 600/2022, ordered:

That after all the requirements of Article 244 of the Civil Code (Chpt. 16) have been met, and after a written confirmation is provided of the Maltese Citizenship of Christopher Mario Baker issued by the Department of Citizenship, when the foreign Act of Birth of Christopher Mario Baker comes to be registered in the Malta Public Registry, the Director of Public Registry affects the appropriate corrections or annotations on that same Act of

ġenerali sabiex il-kunjom ta' Christopher Mario Baker jiġi indikat bħala 'Baker' u mhux 'Joseph'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum il-Ħamis, 28 ta' Lulju, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Birth of Christopher Mario Baker so that a general annotation is made indicating the surname of Christopher Mario Baker as 'Baker' and not 'Joseph'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Thursday, 28th July, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

1332

Permezz ta' digriet mogħti fil-11 ta' Marzu, 2022, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Maria Dolores sive Mary Doris Camilleri vs Stefania Mifsud et Rikors numru 1058/2021LC, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Stefania Mifsud a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Mary Dolores sive Mary Doris Camilleri (KI 128757M) vs Stefania Mifsud (KI 317178M) u Tania Mifsud (KI 192397M) ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fit-22 ta' Diċembru, 2021, ir-rikorrenti Mary Dolores sive Mary Doris Camilleri (KI 128757M) talbet lil dan l-Onorabbli Bord sabiex:

1. Jiddikjara u jiddeciedi li l-intimati kienu krew il-fond bin-numru 8, Omega Court Entrance B, Triq Ananija, il-Qawra, u konsegwentemnet huma meqjusa bħala l-kerrejja;

2. Jiddikjara u jiddeċiedi li l-intimati in solidum għandhom iħallsu lir-rikorrenti s-somma ta' €3,900 f'arrettrati ta' kirja tal-fond 8, Omega Court Entrance B, Triq Ananija, il-Qawra u dan flimkien mal-imgħax dekorribbli mis-6 ta' Marzu 2021 sal-pagament effettiv;

3. Jordna lill-intimati sabiex iħallsu s-somma ta' €3,900 flimkien mal-imgħax hekk kif mitlub mir-rikorrenti.

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali numru 2802/2021 kontra l-intimati li minn issa huma inġunti in subizzjoni u b'riżerva ta' kull azzjoni oħra spettanti lir-rikorrenti kontra l-intimati, kompriż kull azzjoni għar-riżarċiment tad-danni kontra l-istess intimati.

Rikorrenti: 11, Warda Mistika, Triq ir-Riġnu, Ħal Qormi

Intimati: Tania Mifsud

Notifika: Stefania Mifsud, 28, Triq Gio C. Dei Marchesi Mallia Tabone, Il-Mosta

By means of a decree of the 11th March, 2022, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Mary Dolores sive Mary Doris Camilleri vs Stefania Mifsud et, Application number 1058/2021LC, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Stefania Mifsud in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of an application in the names Mary Dolores sive Mary Doris Camilleri (ID 128757M) vs Stefania Mifsud (ID 317178M) and Tania Mifsud (ID 192397M) filed before the Rent Regulation Board, on the 22nd December, 2021, the applicant Mary Dolores sive Mary Doris Camilleri (ID 128757M) requested this Honourable Board to:

1. Declare and decide that the respondents leased the premises with number 8, Omega Court Entrance B, Triq Ananija, Qawra and consequently they are considered as the lessees;

2. Declare and decide that the respondents in solidum have to pay the applicant the amount of €3,900 in rent arrears of the premises 8, Omega Court Entrance B, Triq Ananija, Qawra and this together with the interest accrued from the 6th March 2021 till the date of effective payment;

3. Order that the respondents pay the amount of €3,900 together with interest as requested by the applicant.

With costs, including those of the judicial letter number 2802/2021 against the respondents who are now summoned so that a reference to their oath be made and reserving any other action by the applicant against the respondent, including those actions for the damages against the same respondents.

Applicant: 11, Warda Mistika, Triq ir-Riġnu, Ħal Qormi

Respondent: Tania Mifsud

Notification: Stefania Mifsud, 28, Triq Gio C. Dei Marchesi Mallia Tabone, Mosta

Ir-rikors fl-ismijiet Mary Dolores sive Mary Doris Camilleri vs Stefania Mifsud et, Rikors numru 1058/2021LC, jinsab differit għas-26 ta' Settembru, 2022, fl-10.55 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 29 ta' Lulju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The application in the names Mary Dolores sive Mary Doris Camilleri vs Stefania Mifsud, Application number 1058/2021LC, has been postponed for hearing to the 26th September, 2022, at 10.55 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 29th July, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1333

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-13 ta' Lulju, 2022, fuq talba ta' Sylvana Albanozzo ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw sidien injoti fl-atti taċ-ċedola numru 1280/2022 fl-ismijiet Sylvana Albanozzo vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti:

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens ta' Sylvana Abanozzo (KI 530854M), legalment separata mill-mejjet Victor Albanozzo, bint il-mejtin Charles Grech u Agnes née Zammit, imwielda San Ġiljan, xi drabi indikata bħala mwielda Tas-Sliema fis-27 ta' Ġunju, 1954, u residenti San Andrea Court, St Andrews Road, St Andrews, Is-Swieqi, vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lis-sidien mhux magħrufa, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fis-6 ta' Lulju, 2022, fejn Sylvana Albanozzo (KI 530854M) esponiet bir-rispett:

Illi l-esponenti hija s-sid tal-fond numru 57 ġja 59 u ġja 70 f'Arcade Street, Paola, liema proprjetà ġiet deskritta bħala suġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu Lm1.12,5 ekwivalenti għal €2.62 (site plan annessa u mmarkata bħala Dok. A);

Illi din il-proprjetà addevolviet fuq l-imsemmija esponenti permezz ta' wirt ta' missierha Charles Grech (KI 237728M). Illi l-esponenti ddikjarat din il-proprjetà permezz ta' att dikjaratorju ta' kawża mortis quddiem in-Nutar Dr John Gambin fis-7 ta' Marzu, 2011 (kopja annessa u mmarakta bħala Dok. B);

Illi missier l-esponenti u ċjoè Charles Grech, min-naħa tiegħu akkwista din il-proprjetà permezz ta' att ta' Vitalizju u Diviżjoni u Donazzjoni, permezz ta' kuntratt datat 9 ta' Novembru, 1981, in atti tan-Nutar Dr Maurice Gambin. Għal kull bon fini kopja ta' dan il-kuntratt qed jiġi esibit

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 13th July, 2022, following a request by Sylvana Albanozzo it was ordered that deputy curators be chosen to represent the unknown owners in the acts of the schedule of deposit number 1280/2022 in the names Sylvana Albanozzo vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and concurrent redemption of ground rent number 1280/2022 in the names of Sylvana Albanozzo (ID530854M) legally seperated from the late Victor Albanozzo, daughter of the late Charles Grech and Agnes née Zammit, born in San Ġiljan, sometimes indicated as born in Sliema on the 27th June, 1954, and residing at San Andrea Court, St Andrews Road, St Andrews Swieqi, vs Deputy Curators to represent the unknown owners filed in the First Hall of the Civil Court on the 6th July, 2022, the applicant Sylvana Albanozzo (ID 530854M) respectfully submitted:

That the applicant is the owner of the premises number 57 previously 59 and previously 70 in Arcade Street, Paola, which property was described as subject to the annual and perpetual groundrent of Lm1.12,5 equivalent to €2.62 (site plan here attached and marked as Doc. A);

That this property was inherited by the applicant through the inheritance of her father Charles Grech (ID 237728M). The applicant declared this property in a declaration deed of causa mortis in the records of Notary Doctor John Gambin dated 7th March, 2011 (copy attached and marked as Doc. B);

That the father of the applicant and that is Charles Grech, on his part acquired this property by means of a deed of annuity and of Division and of Donation, by means of a contract of the 9th November, 1981, in the records of Notary Doctor Maurice Gambin. For all the intents and purposes, a

kontestwalment ma' din iċ-ċedola hawn annessa u mmarkata bħala Dok. C;

Skont dan il-kuntratt tan-1981 din il-proprjetà hija deskritta bis-segwenti manjera:

"il-fond numru 59 drabi oħra magħruf bin-numru 70, Arcade Street, Paola, kif suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' Lm1.12,5 liberu u frank minn kwalunkwe piż ieħor";

Illi l-esponenti llum tixtieq tipprevalixxi ruħha mill-fakolta mogħtija lilha bl-Artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili Kap. 16 u tifdi dan l-istess żens ta' Lm1.12,5 ekwivalenti għal €2.62;

Illi l-ammont ta' €2.62 kapitalizzat bir-rata ta' 5% jammonta għal €52.40;

Illi inoltre l-esponenti qed tirregola ruħha mal-istess liġi u permezz tal-preżenti ċedola ta' depożitu qed tiddepożita a favur tal-intimati l-pagament ta' ħames snin arretrati kif ukoll laudemium fl-ammont globali ta' €15.72 (€13.11 arretrati u €2.62 laudemium).

Għaldaqstant, l-esponenti qiegħda umilment tadixxi lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha tiddepożita s-somma globali ta' €68.12 bħala prezz ta' redenzjoni u l-ħlas a saldu taċ-ċens, arretrati u laudemium fuq imsemmi u ċjoè: inkwantu għal €52.40 fidwa tal-istess ċens, inkwantu għal €13.11 rappreżentanti arretrati, u inkwantu għal €2.62 rappreżentanti laudemium, u dan ai termini tal-istess Artiklu tal-Kodiċi Ċivili preċitat biex din is-somma tingħata liberament lil min għandu dritt għaliha skont il-liġi u dan wara li jħallu d-debita rċevuta skont il-liġi.

Esponenti: Flat No 4, Block A, San Andrea Court, St Andrews Road, St Andrews

Notifika: Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta
Kuraturi Deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

copy of this deed is here attached together with this schedule of deposit and marked as Doc. C;

That according to the deed of the 1981 this property was described as follows:

"that the premises number 59 sometimes known as 70 in Arcade Street, Paola, as subject to the annual and perpetual groundrent of Lm1.12,5 is free and unencumbered from any other burden";

The applicant wishes to avail herself of the option given to her in terms of Article 1501 of Cap. 16 of the Civil Code and redeem the same groundrent of Lm1.12,5 equivalent to €2.62;

That the amount of €2.62 capitalised at the rate of 5% amounts to €52.40;

That also, the applicant is complying with the same law and by means of this schedule of deposit is depositing in favour of the respondent the payment of five years groundrent arrears and also the laudemium in the amount of €15.72 (€13.11 arrears and €2.62 laudemium).

Thus the applicant is humbly calling upon this Honourable Court and under its authority is depositing the amount of €68.12 representing the redemption of groundrent, arrears and laudemium above mentioned and that is as for €52.40 redemption of the same groundrent, as for €13.11 representing arrears and as for €2.62 representing the laudemium and this in terms of the same Articles of the Civil Code so that they can be freely withdrawn by whoever has the right to them according to law after leaving the relative receipt according to law.

Applicant: Flat No 4, Block A, San Andrea Court St Andrews Road, St Andrews

Notification: Director Public Registry, Triq il-Merkanti, Valletta
Deputy Curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Miriam Hayman, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 13 ta' Lulju, 2022

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 29 ta' Lulju, 2022

ALEXANDRADEBATTISTA
Għar-Registratur, Qrati u Tribunali

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Madam Miriam Hayman, LLD, Doctor of Laws.

Today 13th July, 2022

Registry of the Superior Courts, today 29th July, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1334

B'digriet moghti mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' April, 2020, fl-atti tar-Rikors numru 408/15 fl-ismijiet Av. Damien Degiorgio (KI 103075M) bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà estera S.T.C Servizio Trasporti Combinati S.p.A. (reġistrata fir-reġistru delle imprese ta' Genova bin-numru 02196090928) versus Express Logigroup Limited (C58205) u Casapinta Design Group Limited (C9216) għal kull interess li jista' jkollha, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz ta' Rikors tal-appell tas-soċjetà Casapinta Design Group Limited (C9216), ippreżentat fis-17 ta' Ġunju, 2021, din il-kumpanija ħassitha aggravata minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-25 ta' Novembru, 2020, għaliex, skont dan l-appell, għamlet apprezzament ħażin tal-fatti kif ukoll tal-liġi u għalhekk interponiet appell minnha.

L-imsemmija kumpanija Casapinta Design Group Limited (C9216) għall-motivi premessi u spjegati fir-rikors tal-appell tagħha, titlob illi din l-Onorabbli Qorti tal-Appell, jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata mogħtija mill-Ewwel Qorti u tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimata appellanti; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l- appellat.

Notifika: Express Logigroup Ltd, 3, Pjazza Kappillan Muscat, Il-Hamrun
194, Triq San Pawl, Il-Belt Valletta

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli), illum 29 ta' Lulju, 2022

DR FRANCO BONDIN LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree of the Court of Appeal of 12th April, 2020, in the records of Application No. 408/15 in the names Adv. Damien Degiorgio (1D 103075M) as special representative of the foreign company S.T.C Servizio Trasporti Combinati S.p.A. (registered in the Genova delle imprese register under number 02196090928) versus Express Logigroup Limited (C58205) and Casapinta Design Group Limited (C9216) for any interest it may have ordered the following publication pursuant to Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta.

By means of an appeal by the company Casapinta Design Group Limited (C9216), filed on 17th June, 2021, this company felt aggrieved by a judgment of the First Hall of the Civil Court of 25th November, 2020, the appeal stating that the first court made a wrong assessment of the facts as well as of the law and therefore the said company interposed an appeal from it.

The said company Casapinta Design Group Limited (C9216) for the reasons mentioned and explained in its appeal application, requests that the Honourable Court of Appeal should annul and revoke the appealed judgment delivered by the First Court and uphold the pleas of the respondent-appellant; with the costs of the two instances against the appealed party.

Notification: Express Logigroup Ltd, 3, Pjazza Kappillan Muscat, Ħamrun
194, Triq San Pawl, Valletta

Registry of the Superior Courts (Appeals), today 29th July, 2022

DR FRANCO BONDIN LLD, M.JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

1335

B'digriet moghti mill-Qorti tal-Appell fit-17 ta' Mejju, 2020, fl-atti tar-Rikors numru 87/2011 fl-ismijiet Tal-Markiż Group Limited (C49111) ta' Flat 2, Floor 2, 18, St Anthony Bld., Pjazza Sant'Anna, Il-Furjana, Malta, vs George Galea

By decree of the Court of Appeal of 17th May, 2020, in the records of Application number 87/2011, in the name of Tal-Markiż Group Limited (C49111) of Flat 2, Floor 2, 18, St Anthony Bld., Pjazza Sant'Anna, Floriana, Malta,

(KI 103047G6) u Thaddea Galea (KI 208486) ta' Cambridge 5, The Duke, Triq ir-Repubblika, Victoria, Għawdex, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz ta' Rikors tal-appell tal-konvenuti George Galea et ippreżentat fil-11 ta' Jannar, 2022, qegħdin jappellaw mid-deċiżjoni mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali tas-16 ta' Diċembru, 2021, fejn il-Qorti ċaħdet it-tieni eċċezzjoni tal-esponenti u l-ewwel talba attriċi, filwaqt li laqgħet it-tieni u t-tielet talbiet attriċi.

Għaldaqstant, l-esponenti, għar-raġunijiet imsemmija fir-rikors tal-appell u għar-raġunijiet l-oħra kollha li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell, filwaqt li jagħmlu referenza għall-provi kollha ġja miġjuba u jirriservaw li jressqu provi oħra skont il-liġi, jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza msemmija mogħtija mill-Ewwel Qorti billi tiddikjara bħala nulla s-sentenza appellata u tikkanċella mil-lista din il-kawża, daqslikieku qatt ma eżistiet, u konsegwentement il-konvenju ta' bejn il-partijiet ikun tilef il-validità tiegħu; jew alternattivament tiċħad it-talbiet attriċi, u f'dan il-każ ukoll il-konvenju ta' bejn il-partijiet ikun tilef il-validità tiegħu; u dan bl-ispejjeż kollha ta' dawn il-proċeduri kontra l-attriċi.

Notifika: Tal-Markiż Group Limited, Flat 2, Floor 2, 18, St Anthony Bld., Pjazza Sant'Anna, Il-Furjana, Malta

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli), illum 29 ta' Lulju, 2022

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

vs George Galea (ID 103047G6) and Thaddea Galea (ID 208486) of Cambridge 5, The Duke, Triq ir-Repubblika, Victoria, Gozo, ordered the following publication pursuant to Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta.

By means of an appeal the defendants George Galea et, filed on 11th January, 2022, appealed from the decision given by the First Honourable Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section of 16th December, 2021, wherein the Court rejected the second plea of the exponents and the first claim of the plaintiffs, while upholding the second and third claims of the plaintiffs.

Therefore, the exponents, for the reasons mentioned in the application of the appeal and for all the other reasons that result during the hearing of this appeal, while they make reference to all the evidence that has been brought and reserve to submit other evidence according to the law, they humbly ask this Honourable Court to revoke the said sentence delivered by the First Court by declaring as null the appealed sentence and to cancel this case from the list, as if it had never existed, and consequently, the preliminary agreement between the parties would lose its validity; or alternatively reject the plaintiff's claims, and in this case also the preliminary agreement between the parties would lose its validity; and the foregoing with all the costs of these proceedings against the plaintiff.

Notification: Tal-Markiż Group Limited, Flat 2, Floor 2, 18, St Anthony Bld, Pjazza Sant'Anna, Floriana, Malta

Registry of the Superior Courts (Appeals), today 28th July, 2022

Dr Franco Bondin, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1336

Permezz ta' digriet mogħti fil-Prim'Awla tal-Qorti fit-12 ta' Mejju, 2022, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 961/2022, fl-ismijiet CFM Developments Limited vs Maria Xuereb et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati Maria Xuereb u Joseph Xuereb a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum, 10 ta' Marzu, 2022

Lil: Maria Xuereb, 33, St Mary, Triq Salvu Psaila, Birkirkara

Joseph Xuereb 33, St Mary, Triq Salvu Psaila, Birkirkara.

By means of a decree of the 12th May, 2022, in the First Hall of the Civil Courts in the records of the judicial letter number 961/2022 in the names CFM Developers Limited vs Maria Xuereb et, ordered the following publication for the purpose of service of the respondents Maria Xuereb and Joseph Xuereb in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 10th March, 2022

To Maria Xuereb, 33, St Mary, Triq Salvu Psaila, Birkirkara

Joseph Xuereb of 33, St Mary, Triq Salvu Psaila, Birkirkara

Permezz tal-preżenti, il-kumpanija CFM Developments Limited (C75646) ta' 20, Redempteur, Triq Bellic, Ħal Qormi, tiġbidlek l-attenzjoni għas-segwenti:

a) Il-mittenti saret sid tal-proprjetà bin-numru 112, 'Cherry House', Triq Sir Patrick Stuart, Il-Gżira, permezz ta' kuntratt datat 23 ta' April, 2021, in atti tan-Nutar Pubbliku Dr Philip Lanfranco;

b) L-imsemmija proprjetà akkwistata mill-mittenti in parti tiġi adjaċenti u in parti tinsab sovraposta għall-prorpjetà tagħkom, ossija l-garaxx fil-pjan terran bin-numru 113, 'Palmier', Triq Sir Patrick Stuart, Il-Gżira;

c) Illi l-mittenti għandha interess (apparti li għandha l-jedd) li tiżviluppa l-ġid minnha akkwistat u di fatti tinsab fil-pussess ta' permess ta' żvilupp bin-numru PA/00580/18 li jirrigwarda "Demolition of existing 2-storey dwelling, and construction of five (5) units, including a duplex ground and first floor, and a duplex fifth floor and penthouse";

d) Illi minn stħarriġ tekniku mwettaq mill-perit arkitett tal-mittenti (i.e., condition report), irriżulta illi l-proprjetà tagħkom, senjatament, iżda mhux biss, is-saqaf tal-garaxx fuq imsemmi, jinsab fi stat ħażin u kritiku tant li kien ġie konstatat illi għandu, fost affarijiet oħra, "Spalling steel mesh and cracked concrete ceiling patches", "signs of water ingress", "signs of rising damp and flaking of paint" u "visible cracks". Dan kollu huwa dovut għal nuqqas ta' manutenzjoni, tajba u regolari, tal-garaxx tagħkom;

Illi l-mittenti, apparti l-imsemmi interess, tipposjedi wkoll il-jedd li tiżviluppa l-ġid minnha akkwistat. Madankollu, minħabba l-qagħda illi fih jinsab il-garaxx proprjetà taghkom, dan ma jistax iseħħ, peress li s-soliditá tal-istruttura hi preġudikata minħabba n-nuqqasijiet riskontrati fih, liema nuqqasijiet kienu, u għadhom, responsabbiltà taghkom illi tieħdu ħsieb.

Għaldaqstant, permezz tal-preżenti, il-mittenti formalment tinterpellakom sabiex minnufih u mingħajr aktar dewmien, tgħaddu biex tagħmlu x-xogħlijiet strutturali kollha li huma meħtieġa sabiex il-binja tagħkom ma tibqax fl-istat li hija llum, liema xogħlijiet fost oħrajn jinkludu l-bdil tas-saqaf imsemmi, u dan sabiex l-iżvilupp sovraprost għalih ikun jista' jseħħ bla xkiel jew bla perikolu eventwali ta' tiġrif.

Kunu minn issa infurmat li jekk tonqsu milli tagħmlu dan fi żmien tletin (30) ġurnata kurrenti mid-data tan-notifika ta' din l-ittra uffiċjali, il-mittenti, mingħajr ebda preavviż ieħor, se jieħdu passi ulterjuri sabiex tiġi rettifikata l-qagħda passiva tagħkom u jżommukom minn issa responsabbli għal kull ħsara, dannu u/jew preġudizzju ekonomiku lilha arrekata.

By means of this present, the company CFM Developments Limited (C75646) of 20, Redempteur, Triq Bellic, Ħal Qormi, draws to your attention to the following:

a) The interpellant became the owner of the property numbered 112, Cherry House, Triq Sir Patrick Stuart, Gżira through a contract dated 23rd April, 2021, in the records of Notary Dr Philip Lanfranco;

b) The said property acquired by the applicant is partly adjacent and partly overlying your property that is the garage on the groundflooor level with number 113, Palmier, Triq Sir Patrick Stuart, Gżira;

c) The interpellant has an interest (apart from having the right) to develop the property it acquired and is in fact in possession of a development permit with number PA.00580/18 which relates "Demolition of existing 2-storey dwelling, and construction of five (5) units, including a duplex ground and first floor, and a duplex fifth floor and penthouse";

d) From a technical survey carried out by the architect of the interpellant (that is condition report) it resulted that your property, including, but not only, the garage roof mentioned above, is in a bad and critical state so much so that it was found to have among other things "Spalling steel mesh and cracked concrete ceiling patches", "signs of water ingress", "signs of rising damp and flaking of paint" u "visible cracks". All this is due to lack of proper and regular maintenance of your garage.

That the interpellant, apart from the said interest, also owns the right to develop the asset acquired by it. However, due to the situation of the garage owned by you this cannot happen, since the solidity of the structure is prejudiced due to the deficiencies found in it, which deficiencies were, and still are, within your responsibility.

Therefore, by means of the present, the interpellant formally asks you to immediately and without further delay, you proceed to do all the structural works that are necessary so that your building does not remain in the state it is today, which works among others include the changing of the mentioned roof and this so that the development above it can take place smoothly or without eventual danger of being collapse.

